**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Novembru 2017 – Café del Mar *et* vs EUIPO – Guiral Broto (Café del Mar)**

**(Kawża T-772/17)**

(2018/C 022/79)

*Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Café del Mar SC (Sant Antoni de Portmany, Spanja), José Les Viamonte (Sant Antoni de Portmany) u Carlos Andrea González (Sant Antoni de Portmany) (rappreżentanti: F. Miazzetto u J. L. Gracia Albero, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Ramón Guiral Broto (Marbella, Spanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tinkludi l-elementi verbali "Café del Mar" – Trade mark tal-Unjoni Nru 2 090 520

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-4 ta' Settembru 2017 fil-Każ R 1540/2015-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tiddikjara l-invalidità tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tinkludi l-elementi verbali "Café del Mar" Nru 2 090 520;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż ta' din il-kawża, filwaqt li l-proprjetarju tat-trade mark li fir-rigward tagħha ntalbet l-invalidità jiġi kkundannat għall-ispejjeż li jirriżultaw mill-proċedimenti quddiem id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni u l-Bordijiet tal-Appell tal-EUIPO.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikoli 52(1)(b) u 53(1)(c) tar-Regolament 2017/1001.

---